MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 53

29 ta' Marzu 2016

Minuti tas-seduta Nru. 53 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 52 li saret fid-9 ta' Marzu 2016 mingħajr emendi u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Town Twinning for Rural Development – A Great Opportunity for EU Citizens* (P/10/19)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.12.1. tas-seduta preċedenti u qal li ż-żjara li saret fil-lokalita` ta' Uri f'Sardinja kienet suċċess għad-delegazzjoni Melleħija bis-sehem li ngħata b'mod ġenerali, partikularment mill-kelliema ewlenin li kienu s-Sur Neil Portelli, li tkellem dwar il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll is-Sur Sammy Vella li tkellem dwar il-Proġett tal-Park tal-Majjistral. L-imsieħba l-oħra fil-proġett wrew ix-xewqa li jikkoperaw mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-ġejjieni, inkluż dawk li ġew kuntatt magħhom għall-ewwel darba bħal dawk mill-Bulgarija u l-Ungerija. Is-Sur C. Bartolo qal li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għas-sehem mogħti mis-Sur Stephen Borg li kien strumentali biex din l-inizjattiva kienet suċċess.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li tkomplew il-kuntatti dwar din l-inizjattiva, permezz ta' laqgħa mal-voluntieri s-Sinjuri Eileen Azzopardi, Joanne Vella, Jan u Frank Gauci. Fl-istess laqgħa l-voluntieri ġew infurmati bil-baġit

li alloka l-Kunsill, filwaqt li ġie stabbilit it-tagħmir li jeħtieġ jinxtara illi jeħtieġ jinġabru l-istimi għalih. Hija qalet ukoll li ser isiru kuntatti ma' żewġ veterinarji magħrufa li joperaw fiż-żona ta' San Pawl il-Baħar sabiex jitnaqqas kemm jista' ikun it-traġitt għall-voluntieri. Is-Sinjura Stellini qalet ukoll li ser isir kuntatti ma' uffiċjali fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u Servizzi Promozzjonali, bil-għan li tinkiseb aktar gwida professjonali fuq din il-materja.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni proposta.

**2.3.1. Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq il-Parroċċa, Mellieħa (P/4/3/Vol IV)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-dettalji tekniċi tad-dokument tal-offerta tlestew u fil-jiem li ġejjin ser toħroġ sejħa permezz tal-ePPS. Il-konsulenti Galea Curmi Engineering Consultants għaddew ritratt ta' fanal ornamentali sabiex jiġi approvat mill-Kunsill u hekk jiġi nkluż fid-dokument tal-offerta.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva t-tip tal-fanal indikat.

**2.4.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-test bil-Malti u l-Ingliż tal-*bye-laws* imsemmija tlesta, u għaldaqstant jistgħu jsiru avviżi fil-ġurnali u fil-Gazzetta tal-Gvern kif stipulat fil-liġi, filwaqt li l-istess test jittellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

2.4.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni proposta.

**2.5.1. Kors fl-ewwel għajnuna (E/3/5)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-kors imsemmi ser isir fis-Sala tal-Kunsill u ħa jkun fl-20 ta' Mejju 2016.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)**

2.6.2. Is-Segretarju rrefera għall-ittra datata 14 ta' Marzu 2016, mibgħuta mir-Regione Siciliana fejn intalab il-ħlas lura ta' €63,473.76, li jinvolvi s-somma mhux minfuqa mill-ammont ċertifikat ta' €25,776.24. L-ammont imsemmi kellu jitħallas sat-18 ta' Marzu 2016. Is-Sur C. Debono fakkar li dan l-ħlas kien hemm fondi pprovduti għalih fl-estimi 2016 taħt il-vot 3701.

2.6.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 05/03/15 – 17/02/16;
- *Purchase Request Form* – 24/03/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/03/16 – 24/03/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz ta' ftehim dwar l-użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja minn organizzazzjonijiet akkreditati mill-Kunsill.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar Mekkanizzat (S/6/Vol IV)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Marzu 2016, fejn l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina għarrfet li ser tieħu sehem fl-avveniment imsemmi hawn fuq, li ser iseħħ fil-Furjana fis-7 ta' April 2016.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din l-inizjattiva sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300.

**4.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XIV)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Marzu 2016, fejn Transport Malta għarrfu li għandhom talbiet biex isiru *speed humps* fl-*S-bend* ta' fuq, billi qed ikun hemm kolliżżjonijiet ma' vetturi li jkunu pparkjat fl-istess post, kif ukoll fil-ħitan.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jiġu kkonsultati r-residenti affettwati qabel it-talba tkompli tiġi kkunsidrata, skont il-prassi dwar talbiet ta' din ix-xorta.

**4.3.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

4.3.2. Is-Segretarju rrefera għas-sejħa msemmija li għalqet fit-28 ta' Marzu 2016 f'nofsinhar. Huwa qal li kien hemm proposta waħda li waslet bl-imejl mingħand Sustainable Built Environment Malta, u tnejn li tpoġġew fil-kaxxa tal-offerti f'*envelopes* ssiġillati li nfetaħu waqt is-seduta. Irriżulta li dawn saru mill-istess Soċjeta` Din l-Art Ħelwa u Sustainable Built Environment Malta.

4.3.3. Is-Sindku għarraf li kien hemm interess wkoll mid-diriġenti tal-Isptar Monte Carmeli li kellhom l-intenzjoni jużaw it-torri bħala post fejn joħorġu l-pażjenti tagħhom mill-ambjent tal-isptar.

4.3.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikseb aktar tagħrif dwar l-proposti billi jiltaqa' direttament mal-offerenti fid-19 ta' April 2016.

**4.4.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)**

4.4.2. Is-Segretarju għarraf li wara s-smiegħ tal-appell mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fit-3 ta' Marzu 2016 ingħatat id-deċiżjoni bil-kitba. Fir-rigward tal-appell li sar minn Highland Group Ltd is-sentenza tgħid li s-sottomissjoni tal-lista dwar id-deterġenti skont il-kriterji tal-*Green Public Procurement* waqt l-evalwazzjoni ma hijiex aċċettabbli, u għalhekk l-appell ma kellux jintlaqa'. Fir-rigward tad-deċiżjoni mogħtija minn Paul Cardona u Absolute Cleaners, is-Sur C. Debono spjega li dawn huma konfliġġenti u għalhekk l-istess deċiżjonijiet ma jistgħux jiġu mplimentati. Dan għar-raġuni li fl-ewwel każ, il-Bord qal li *"…Appellant's offer is to be reintegrated in the evaluation process*", filwaqt li fir-rigward tat-tieni nkiteb li *"….Tender should be re-issued under the proper procedures"*. Għaldaqstant, il-konsulent legali tal-Kunsill intalab sabiex jagħmel rappreżentazzjonijiet mal-Bord sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Marzu 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-5 u l-24 ta' Marzu 2016, kif ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-30 ta' Diċembru 2015 u 17 ta' Frar 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Ftehim dwar il-kustodja tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (A/6/7/2/Vol II)(P/4/4/Vol III)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li l-intenzjonijiet tal-Kunsill skont id-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti ġew komunikati lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u lill-Art Club 2000 u ngħataw sat-30 ta' April 2016 sabiex jipproponu tibdil fil-ftehim dwar it-tmexxija tax-xelters u l-Batterija ta' Westreme.

7.3. Fir-rigward tat-test tal-ftehim dwar ix-Xelters, is-Sindku rrefera għall-klawsola 6(ii) tal-ftehim u ppropona li l-Bord ta' Superviżjoni jkun kompost minn tliet membri, fejn iċ-*Chairperson* u wieħed mill-membri jinħatru mill-Kunsill.

7.4. Tressqet proposta sabiex tiġi emendata l-klawsola 6(iv), fis-sens li l-GĦKOMB għandha tissottometti rapporti maniġerjali sabiex jiġu diskussi mill-Bord ta' Superviżjoni u finalment mill-Kunsill.

7.5. Is-Segretarju ssuġġerixxa li l-kelma "*inventory*" fil-klawsola 6(v) għandha tiġi mibdula bil-kliem "*fixed asset register*".

7.6. Kien hemm qbil li l-Bord ta' Superviżjoni għandu jkun kompost mis-Sur Chris Borg bħala *Chairperson* u l-Kunsillier Dario Vella, flimkien ma' membru nominat mill-GĦaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

7.7. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Bord ta' Superviżjoni għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena biex fost affarijiet oħra jiddiskuti r-rapporti maniġerjali.

7.8. Dwar il-ftehim tal-Batterija ta' Westreme, kien hemm qbil li l-kompożizzjoni tal-Bord ta' Superviżjoni għandha tkun fuq l-istess linji kif propost fil-minuta 7.3. aktar 'il fuq. Għaldaqstant, kien hemm qbil li l-klawsola 5 tal-ftehim tiġi emendata f'dan is-sens.

7.9. Is-Sindku ppropona lis-Sur Joseph Azzopardi bħala *Chairperson* u lill-Kunsillier Patrick Cutajar bħala membru.

7.10. Tressqet proposta dwar il-klawsola 2(ii)(c) fis-sens li l-*Manager* ma jibqax obbligat jgħaddi 10% tad-dħul kollu li jkun hemm mill-Mużew tat-Tunnara, filwaqt li jiżdied miegħu l-obbligu li jsir rimborż tal-kera mħallsa lid-Dipartiment tal-Artijiet, liema waħda tkun l-għola.

## 8.1. Abbozz tal-ftehim dwar l-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja minn organizzazzjonijiet akkreditati mill-Kunsill (S/4/1/5)

8.2. Is-Segretarju ressaq abbozz tal-ftehim skont kif ġie deċiż fis-seduta Nru. 51 tas-17 ta' Frar 2016.

8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li filwaqt illi bħala proprjetarju u amministratur tal-Park għandu jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni f'dak biss li jirrigwarda l-immobbli, iżda minn naħa l-oħra m'għandux jinżamm responsabbli għal inċidenti li jirriżultaw mill-attivitajiet li jseħħu fiħ organizzati minn entitajiet oħra. Filwaqt li dan il-fattur għandu jkun indikat b'mod ċar fil-ftehim, l-obbligu tal-kopertura mill-entitajiet li jagħmlu użu mill-faċilitajiet huwa tagħhom. GĦaldaqstant, il-klawsola 3(a) għandu jitħassar minnha l-kliem:

> *"Beneficiary shall obtain and maintain at its own expense and throughout the term of this agreement a comprehensive policy or policies of public liability and against any damages suffered by third parties in relation to all activities carried out within the Mellieha Family Park. The Beneficiary shall present a copy of such insurance or insurances to the satisfaction of the Council within one week from signing of this agreement.".*

8.4. Il-Kunsill qabel li kull entita` li tagħmel użu mill-park mingħajr ħlas għandha tiġi mitluba tiffirma l-ftehim.

## 9.1. Għoti ta' kuntratt dwar bandli u *safety floor* għal Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

9.2. Is-Segretarju għarraf li wara s-smiegħ tal-appell li sar minn JGC Ltd, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi għadda d-deċiżjoni bil-kitba, fejn ġew li din is-sejħa għandha ssir mill-ġdid, kif ukoll li l-appellant għandu jingħata lura d-depożitu ta' €400 li ħallas qabel nbdew il-proċeduri.

9.3. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-*Contracts Manager*, bil-għan li l-kundizzjonijiet speċifiċi jiġu riveduti b'tali mod li l-intenzjonijiet tal-Kunsill joħorġu aktar ċari.

**10.1. Tħejjijiet għall-Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/1/Vol XIV)**

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li dan l-avveniment ser jiżvolġi bejn il-Ħamis 2 ta' Ġunju u l-Ħadd 6 ta' Ġunju 2016 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, apparti s-*soft opening* li huwa maħsub li jseħħ fil-knisja tal-Manikata. Huwa ppropona li l-programm ikun imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ħamis – 02/06/2016 | • Tnedija tal-festival fil-Knisja tal-Manikata bil-parteċipazzjoni ta' Catamici Chamber Choir minn Leicester fl-Ingilterra. |
| Ġimgħa – 03/06/2016 | • Kunċert mill-Banda La Vittoria |
| Sibt – 04/06/2016 | • Kunċerti mill-Banda Imperial u Catamici Chamber Choir |
| Ħadd – 05/06/2016 | • Quddiesa fis-Santwarju animata mill-Kor tas-Santwarju<br>• *Brass Ensemble* tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali<br>• Band mill-Aquaviva Delle Fonti (għad irid jiġi kkonfermat) |

10.3. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li hemm prospetti tajbin li dan l-avveniment jibbenefika minn fondi ġejjin mill-Iskema dwar Attivitajiet Kulturali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif ukoll mill-Fondazzjoni Valletta 2018.

10.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitfassal baġit li jkopri l-avveniment kollu, li jieħu in konsiderazzjoni l-infieq u d-dħul kollu previst.

10.5. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

**11.1. Riforma fl-operat tal-MEPA (P/5/4/Vol II)**

11.2. Is-Sindku għarraf li huwa attenda seminar li sar mill-MEPA fid-29 ta' Marzu 2016, fejn ġiet trattata r-riforma li tinvolvi operat indipendenti bejn l-qasam tal-ambjent u dak tal-ippjanar. Is-Sur J. Buttigieg qal li din ir-riforma ser titfa' aktar responsabilita` fuq il-Kunsilli Lokali billi dawn ser jingħataw id-dritt tal-vot meta applikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' ċerta portata jiġu trattati mill-Bord tal-MEPA. Permezz tal-proċedura l-ġdida, il-Kunsill ser jiġi nfurmat bid-data meta dawn ikunu ser jiġu diskussi u tittieħed deċiżjoni, filwaqt li ssir laqgħa ta' informazzjoni ftit jiem qabel. GĦaldaqstant, il-Kunsill mistenni jaħtar rappreżentant jew sostitut sabiex ikunu jistgħu jsiru rappreżentazzjonijiet quddiem il-Bord. Dan it-tibdil ser jidħol fis-seħħ fit-18 ta' April 2016.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Introduzzjoni ta' *speed camera* fi Triq Lewis Wettinger (W/3/2)**

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi wħud dwar is-sewqan b'veloċita` qawwija fi Triq Lewis Wettinger, li minbarra li huwa perikoluż, qed jikkawża nkonvenjent bil-ħsejjes, partikularment fir-rigward tal-muturi. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex tikkonsidra l-possibilta` li ssir *camera.*

12.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u kien tal-fehma li l-*camera* għandha ssir bejn Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Monsinjur Gużeppi Schembri, peress li f'din il-parti hemm il-*junction* mal-istess Triq il-Mitħna l-Qadima, kif ukoll dik tat-triq tal-Miżieb.

**13.1. Devoluzzjoni ta' proprjeta` fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa (A/6/7)**

13.2. Is-Sindku rrefera għall-proprjeta` (*Tenement* E26228) li kienet ġiet devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, bil-għan li tintuża mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huwa għarraf li żar il-post flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u rriżulta li din tinsab fi stat dilapitat. Huwa ppropona li din il-binja tista' tiġi mnaddfa mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill, filwaqt li tingħalaq billi jsiru l-bibien tal-ħadid. Is-Sur J. Buttigieg qal li għalkemm il-Kunsill għad m'għandux użu għal din il-binja, din tista' tiġi offruta sabiex jinżamm l-armar tal-festa tal-Manikata.

13.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta sakemm ikun hemm konsultazzjoni mal-Bord tal-Park tal-Majjistral, fl-assenza ta' xi użu ieħor.

**14.1. Stedin lil-lokalitajiet ġemellati (K/1/5/1/Vol III)(K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4/Vol II) (A/5/3/5/Vol V)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li l-2016 taħbat l-għoxrin anniversarju mill-iffirmar tal-ftehim ta' ġemellaġġ mal-lokalita` ta' Adenau, u għaldaqstant ipproponiet li jkun hemm attivita` li tfakkar dan l-avveniment.

14.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li żewġ rappreżentanti minn Adenau, Cavriglia u Agia Napa għandhom jiġu mistiedna għall-Iljieli Melleħin 2016. Il-Kunsill għandu jipprovdilhom l-akkomodazzjoni *full board.*

**15.1. Tifkira tal-memorja ta' Godfrey Wettinger (P/4/11/Vol II)**

15.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 45 tas-26 ta' Ottubru 2015 meta saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Evarist Bartolo, dwar l-intenzjoni li jsir bust tal-Professur Wettinger f'post prominenti bħalma huwa Ġnejnet l-Emigranti Melleħin. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-Onorevoli Bartolo tenna x-xewqa li l-Ministeru jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti. Is-Sindku qal li jkun xieraq jekk il-Kunsill jagħmel il-parti tiegħu wkoll, billi jottjeni l-permess tal-MEPA.

15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta

**16.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss issir fil-21 ta' April 2016 u tkun lejn il-Forti Sant Iermu fil-belt Valletta. Hija qalet li l-prezz ser ikun €7.00 li jinkludi t-trasport, id-dħul, u l-waqfa għall-kafe'.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**17.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li għalkemm għadha ma ġiet iffissata ebda data, waslet biex tibda t-tieni fażi tal-kompetizzjoni msemmija. Hemm l-intenzjoni wkoll li ssir preżentazzjoni wara.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/11)**

18.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni li teżisti domanda minn sidien ta' *boathouses* u residenti permanenti fiż-żona tal-Aħrax sabiex din iż-żona tkun koperta bis-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli bieb-bieb.

18.3. Is-Sindku wieġeb li skont il-ftehim li sar ma' Green MT Ltd l-iskema tipprovdi dan servizz bieb-bieb mill-Caravan Site tal-Għadira matul ix-xhur tas-sajf biss. Iż-żona tal-Aħrax hija koperta bil-*bring-in sites*.

**19.1. Għajnuna lill-għaqdiet volontarji (G/1)**

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal-laqgħa li saret għall-għaqdiet tal-lokalita` fit-28 ta' Marżu 2016, li ġiet indirizzata minn Ms Maria Louisa Busuttil mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. Hija tkellmet dwar skemi ta' taħriġ, kif ukoll toffri appoġġ sabiex jigi sostnuti organizzazzjonijiet volontarji fil-ħidma tagħhom permezz ta' inizjattivi ġodda, informazzjoni u għajnuna relatata mal-akkwist ta' fondi, immaniġġjat ta' proġetti eċċ. Hija semmiet is-*Small Initiative Scheme* li tinvolvi għotjiet sa €3,000, kif ukoll il-*Voluntary Organisations Project Scheme* li hija fuq żewġ livelli ta' għotjiet, bejn €5,000 u €25,000 u bejn €5000 u €60,000. Tal-aħħar tkun tinvolvi proġetti bi sħab, bejn organizzazzjonijiet diversi. F'kull każ, l-proġetti approvati jkunu finanzjati mija fil-mija.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)**

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li attenda t-tieni laqgħa kemm ilu li nħatar rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-istrateġija li ser tiġi addottata dwar liema proġetti li jingħataw priorita` sal-2020. Biex jgħin fit-tfassil ta' din l-istrateġija nħarġet sejħa għall-offerti li tagħlaq fid-29 ta' April 2016 sabiex jitqabbad konsulent apposta. Minkejja li ser jiġi assenjat dan l-inkarigu, dawk kollha nteressati ser ikunu jistgħu jsemmgħu leħinhom qabel jitlesta d-dokument finali. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li r-rata ta' kofinanzjament taħt il-programm tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020, fir-rigward ta' Malta, ser tonqos għall-70%:30%.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 19 ta' April 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**